MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 83/2004

**Dr.Alfred Sant u l-Malta Labour Party**

**vs**

**Pierre Portelli u David Casa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta’ Frar tas-sena 2004, li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lil kull wiehed mill-atturi dik is-somma li din il-qorti, ai termini tal-artikolu 28 ta’ l-Att dwar l-Istampa, tiddeterima bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huma sofrew meta l-konvenut Pierre Portelli, bhala Editur ta’ l-istazzjon tar-radju Radio 101, u l-konvenut David

Casa, bhala prezentatur, permezz tal-programm "Nghiduha kif inhi", imxandar fuq Radio 101 nhar il-hamis 5 ta' Frar tas-sena 2004, ghamlu allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-atturi bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu ir-reputazzjoni ta' l-attur, meta allegaw, fost l-ohrajn, li l-atturi kienu f'konfoffa ma' Meinrad Calleja u kellhom pjan biex jiddefenduh, u rabtu dan ma' l-allegazzjoni li xi hadd gholi fil-Malta Labour Party kien imdeffes fit-traffikar tad-drogi ma' Meinrad Calleja u li l-atturi kienu qed jippruvaw jghattulu. Dawn l-allegazzjonijiet serji huma ghal kollox inveritjeri u saru bl-aktar mod irresponsabbli u bil-ghan li jaghmlu hsara lill-atturi;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;

3. Illi l-konvenuti huma ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat l-eccezzjonijiet datati s-17 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz taghhom il-konvenuti ecceppew is-segwenti:

1. Illi l-kliem imxandar mhux libelluz billi jammonta ghal `*fair' comment' ;*

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ir-`*recordings'* relattivi;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza odjerna giet istitwita minhabba r-ragunijet li hawn qed jigu sintetikament elenkati;

1. Illi l-origini jmur lura lejn xandira fuq Radju 101 fil-programm bl-isem "Nghiduha Kif Inhi" imxandra fil-5 ta' Frar tas-sena 2004, kondott mill-konvenut Casa;

2. Illi l-atturi hassewhom ingurjati b'dak li ntqal fl-istess xandira billi f'mument minnhom gew imxandra zewg (2) telefonati minn semmiegha ta' l-istess programm li l-kontenut taghhom kien il-meritu tal-kontroversja odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-kontenut ta' dawn it-telefonati jista' jigi sintetikament espost bil-mod segwenti:

1. L-ewwel Telefonata:

i. Illi l-attur Sant iddefenda lil Meinrad Calleja;

ii. Illi l-interlokatur jahseb li fil-Partit Laburista hemm xi hadd gholi li kien imdeffes fit-traffikar tad-drogi ma' Calleja;

iii. Illi l-konvenut Casa, li kien qed jikkonduci l-programm, jaghti ragun lill-interlokatur u jsaqsi ghaliex l-attur Sant qed jaghmel din il-pressjoni kollha biex jiddefendi persuna li nstabet hatja darbtejn ta' pussess u traffikar ta' drogi;

iv. Illi effettivament isaqsi lilu nnifsu wkoll lil min qed jipprova jipprotegi dan Sant;

2. It-Tieni Telefonata;

i. Illi l-attur Sant kien mill-bidu nett jiddefendi lill-Meinrad Calleja;

ii. Illi l-interlokutur mhux biss isostni li kien hemm xi konfoffa bejn Sant u Calleja, izda li din kinet estiza wkoll mal-Partit Laburista;

iii. Illi l-konvenut Casa jara li tali konkluzzjonijiet fihom il-logika u li effettivament in-nies ta' Malta u Ghawdex kollha qed jahsbu b'dan il-mod anke dawk li jissimpatizzaw mal-Partit Laburista;

Ikkunsidrat:

Illi rinfaccati b'tali diskors l-atturi hassewhom ingurjati u malafamati u biex jirradrizzaw il-kalunji ndirizzati fil-konfront taghhom, kienu kostretti jipprocedu b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ghandu jigi innotat li t-tifsira ta' l-att de quo hu wkoll prederminat mill-Kap 248 peress li jistabbilixxi s-segwenti:

**"Stampat"** : tinkludi kull mezz li permezz tieghu kliem jistghu jinstemghu u jitwasslu lill-terzi;

**"Xandir"** : trasmissjoni mill-arja ta' kliem li jkunu jistghu jigu ricevuti minn persuni;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut Pierre Portelli kien l-editur ta' Radju 101 fid-data meritu ta' din il-procedura;
Illi bhala editur ma kienx fizikament involut fit-tmexxija tal-programm in dizamina;

Illi bhala editur kien konsapevoli li l-istazzjon tieghu kellu procedura debitament pre-stabbilita` biex f'kazijjiet bhal dawk in dizamina meta interlokutur jeccedi l-limiti etici u/jew legali , l-istazzjon ikollu zmien adegwat biex ma jittrasmettix l-allegazzjonijiet li jkunu intqalu biex b'hekk jigi protett l-istazzjon;

Illi tali protezzjoni tiddependi esklussivament mir-reazzjoni li l-konducent tal-programm ikollu fuq is-sitwazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-konvenut Casa kien effettivament qed jikkonduci dan il-programm inkriminat;

Illi l-istess konvenut Casa kien konsapevoli mill-procedura adoperata mill-istazzjoni minn fejn kien qed ixandar f'kazijiet bhal dawk in dizamina;

Illi l-istess konvenut Casa kellu esperjenza forensi bizzejjed biex ikun mentalment alert appena d-diskors li jinghad ikun qed jersaq lejn l-illecitu;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li mhux biss ir-reazzjoni tal-konvenut Casa kienet wahda tardiva biex ghalhekk id-dannu lahaq sar, izda bl-istess interventi tieghu wera l-animu li kien qed isahhah ir-risoluzzjoni tas-semmiegha fl-allegazzjonijiet serji taghhom billi:

i. jaghtihom ragun;

ii. jghidilhom li l-allegazzjonijiet taghhom kienu logici;

Ikkunsidrat:

Illi dan kien proprju kontra l-protokoll li l-istess stazzjon ihaddan f'dawk ic-cirkostanzi stante li hu pacifiku li f'kazijiet bhal dawn il-konducent tal-programm tar-radju hu tenut mill-istess stazzjon li juza l-ftit mumenti ta' differenza qabel ma' dan id-diskors jigi trasmess pubblikament biex jikkontrollah minghajr konsegwenzi nefasti;

Illi jidher li l-konvenut Casa mhux biss naqas jimxi mal-protokoll intern ta' l-istazzjon tieghu talli alimenta aktar lill-interlokuturi billi ssekondhom fl-allegazzjonijiet taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi f'dak iz-zmien l-attur Sant kien qed jokkupa kariga kostituzzjonali essenzjali f'demokrazija fejn l-analizi poilitiku tieghu kien iservi biex ikun hemm trasparenza fejn kien hemm id-dlam;

Illi effettivament kien jonqos mill-gurament tieghu li kieku heba rasu fir-ramel jew fittex biss il-popolarita`;

Ikkunsidrat:

Illi fil-limiti ta' dan il-kaz hu minnu li l-attakk sferrat mis-semmiegha li ma gewx debitament ikkontrollati mill-konvenut Casa hu personagg politiku fejn fit-termini ta' **Lingens vs Austria** (1986); **Obershlick vs Austria (I)** (1991) u **Obershlick vs Austria (II)** (1997), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem idekretat li bil-ghan li d-dibattitu politiku jkun wiehed liberu u ampju,

meta l-kritika tikkoncerna persunagg involut fil-politika, (bhall-attur odjern):

*"The limits of acceptable criticism are accordingly wider…"* Il-politiku *"…inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large"*.

Illi pero` l-istess decizjoni tkompli temfasizza is-segwenti:

*"Article 10 paragraph 2",* (tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem), *"enables the reputation of others…to be protected, and this protection extends to politicians too…but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues"*;

Illi f'dan is-sens ikompli jinghad li:

"*A careful distinction needs to be mode between facts and value – judgements. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value - judgements is not susceptible to proof*";

Illi biex l-interlokuturi radjofonici in dizamina setghu jaghmlu dak li ghamlu impunement, u b'hekk fl-istess hin ma jattirawx maghhom lill-konvenut Casa li kien assuma r-responsabbilita` li jikkontrolla x-xandira in dizamina, huma riedu mhux biss jasserixxu l-konkluzzjonijet taghhom izda riedu jippruvaw il-fatti li fuqhom kienu jistriehu dawn l-asserzjonijiet minnhom imxandra b'tant certezza;

Illi dan la jirrizulta li sar mill-istess persuni li intervenew fix-xandira in dizamina u lanqas mill-konvenut Casa li di piu`, intervjena biss wara li kien tard wisq;

Illi ghalhekk l-asserzjoni li l-attur Sant kien spalla ma' spalla ma' traffikanti ta' droga bl-ebda mod ma giet ipprovata;

Illi ghalhekk din il-qorti hi tal-fehema li l-interlokuturi li intervenew fix-xandira de quo eccedew id-dritt taghhom tal-liberta` tal-espressjoni billi attribwew fatti inveritjeri serji u malafamanti lill-attur li mhux biss ma gewx sustanzjati izda lanqas biss sar attentat f'dan ir-rigward;

Illi di piu`, il-konvenut Casa naqas li jintervjeni tempestivament u ppermetta ghalhekk, li dawn l-asserzjonijiet jigu trasmessi impunement;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament l-allegazzjonijiet imxandra kienu ta' natura pjuttost serja ghaliex kien qed jigi allegat li l-atturi Sant u l-Partit Laburista kienu konfoffa ma' persuna li kienet giet ikkundannata b'reat serjissimu;

Illi tali dell ikrah mitfuh fuq Sant u l-partit tieghu hi allegazzjoni tassew serja li jekk minnha ikun sew li tigi nvestigata fid-dettal kif mehtieg, izda jekk le, kull allegazjoni sottili jew goffa fir-rigward hi biss agir malafamanti ta' min jistmerru u jikkundannah;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-konvenut Portelli din il-qorti hi sodisfatta li bhala editur tar-radju de quo:

1. Ma kellu l-ebda funzjoni la diretta lanqas indiretta fil-konduzzjoni tal-programm radjofoniku in dizamina;

2. Bhala editur ta’ l-istess jirrizulta li kien ha l-prekawzjonijiet mehtiega biex iwaqqaf struttra serja u effettiva biex tali cirkostanzi jigu evitati;

Illi ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li t-talbiet attrici ma gewx ipprovati fil-konfront tal-konvenut Pierre Portelli u filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici fil-konfront ta’ dan il-konvenut tillilberah mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-partit attur Malta Labour Party ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi hu issa notarju li dan il-partit m’ghadux jezisti b’dan l-isem;

2. Illi anke jekk ghal grazzja tal-argument, dan mhux il-kaz, jinghad in sintesi dak li gie ritenut fil-kawza **Reynolds vs Time** datata 28 t’Ottubru ta’ l-1999:

*“Reputation is an integral and important part of the dignity of the **individual**….”;*

3. Illi a skans ta’ ripetizzjoni inutili taghmel referenza ghas-sentenza ta’ din il-qorti fl-ismijiet **Joseph Buttigieg et nomine vs Camilleri** datata l-20 ta’ Jannar tas-sena 2009, u ghar-ragunijiet hemm indikati:

i. Tiddikjara li l-Malta Labour Party m’ghandux interess guridiku biex jippromwovi l-azzjoni odjerna;

ii. Bl-ispejjez kontra l-istess partit attur ghall-parti tieghu ta’ din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi fil-konfront tal-konvenut Casa ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi hu kien qed jikkonduci il-programm radjofoniku in dizamina;

2. Illi bhala bniedem li ilu fil-qasam tax-xandir, anke radjofoniku kellu esperjenza u taghrif bizzejjed biex:

i. ikun jaf bil-politika tar-radju li minnu kien qed ixandar meta jqumu kwistjonijiet bhal dawk in dizamina;

ii. kien jaf ihaddem l-apparat adegwat biex jigu evitati tali problemi;

iii. kien jaf li l-allegazzjonijiet kienu gravament malafamanti;

iv. illi minflok li uza d-diskrezzjoni tieghu kompla jalimenta l-istess linja ta' hsieb malafamanti;

3. Illi operaturi nvoluti fix-xandir go ambjent demokratiku ibbazat fuq is-sovranita` tad-dritt, m'ghandhom qatt jippretendu li ghandhom juzaw dan il-mezz hekk delikat biex jippermettu l-uzu ta' vjolenza verbali partiggjana ghamja fil-konfront ta' avversarju politiku li wara kollox qed jaqdi funzjoni anke Kostituzzjonali, delikata u necessarja;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tas-suespost tirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Casa stante li fl-agir tieghu ma wera l-ebda kumment gust fir-rigward kif minnu allegat f'din il-procedura;

Illi konsegwentement tiddikjara allura li d-diskors meritu tal-procedura odjerna kif fuq indikat, hu malafamanti fil-konfront ta' l-attur Sant;

Illi biex allura tkun tista' tghaddi ghall-fazi successiva tal-vertenza u tistabilixxi, kif statutorjament impost, il-*quantum* prefiss biex jaghmel tajjeb ghad-dannu

morali riskontrat fir-reputazzjoni tal-attur Sant, taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Victor Borg vs Victor Camilleri et"** datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

*"Id-danni li ghandha tillikwida l-qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kontemplati fil-Kodici Civili. Il-Ligi ta' l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), ekwivalenti ghall-hdax-il elf, sitt mija, sitta u erbghin Ewro, u sitta u tmenin centezmu, (€11,646.86);"*

Illi pero', biex din il-qorti tkun tista' tafferma ir-rettitudini ta' dan l-ezercizzju biex b'hekk taghmilha ampjament cara li dan mhux ezercizzju illegittimament diskriminatroju, taghmel referenza ghas-segwenti:

1. Illi l-konvenut Casa kellu f'idejh il-kontroll ta' l-apparat korrettorju li seta' jigi uzat biex allegazzjonijiet malafamanti maghmula minn semmiegha f'xandiriet diretti ma jigux trasmessi;

2. Illi l-konvenut Casa ma utilizzax dan l-apparat f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet in dizamina;

3. Illi mhux biss ghazel li ma jintervjenix fir-rigward izda ghazel li jalimenta l-hsibijiet tas-semmiegha billi:

i. jaghti ragun lis-semmiegha ghall-argument malizjuz u malafamanti tieghu;

ii. jiddikjara li din il-linja ta' hsieb hi wahda logika;

4. Illi dan bl-ebda mod ma jammonta ghall-kumment gust;

5. Tikkundanna lill-konvenut David Casa biex ihallas lill-attur Dr. Alfred Sant l-ammont ta' tlett elef Ewro, (€3,000.00,0), bl-ispejjez rimanenti ta' din il-procedura kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------